MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Numru 89/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs.**

**JOSEPH CIOFFI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Joseph Cioffi, iben Angelo u Doris nee’ Camilleri, mwieled Zabbar nhar id-9 ta’ Marzu 1979, residenti gewwa ‘Black Pearl’ Triq San Gakbu, Xghajra u detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 221579M.

Billi huwa akkuzat talli bejn il-25 ta’ Ottubru 2008 u l-25 ta’ Dicembru 2008 gewwa Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz,

jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' ta xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' 155 Euros (Mija u hamsin Ewro) ghad-dannu ta' Giovanna Azzopardi, Anthony Aquilina, Carmelo Pavia u Francis Fleri u/jew persuni ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. FF3 u nnutat li l-imputat Joseph Cioffi m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. Joseph Brincat ghall-imputat iddikjara li l-ammonti ta' Ewro 60, Ewro 25 u Ewro 20 diga gew imhallas lill-parte civile li lilhom kienu jispettaw u inoltre iddikjara li l-imputat qieghed jobbliga ruhu li l-ammont ta' Ewro 50 ihallashom fi zmien sitt (6) xhur lill-parte civile Carmelo Pavia.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Cioffi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju

bikri tal-Proceduri, dak dikjarat minn Dr. Joseph Brincat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-imputat Joseph Cioffi taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Cioffi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------